**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**- vs -**

**Abigail Camilleri**

Illum 31 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Abigail Camilleri ta' 23 sena, bint Carmel Gorg u Mary Josette nee` Agius imwielda Attard fid-9 ta' Gunju 1978 u li toqghod f'"Dar il-Kastell", Castle Street Victoria (Ghawdex), 9Karta ta' l-Identita numru 303178 M) talli fil-31 ta' Awissu 2001 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` f'ittra ta' l-Universita' ta' Malta, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien faLz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli fl-istess zmien u lok, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubbliku, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-avukat generali sabiex l-kaz kontra l-imputata ikun mismugh u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputata ma registrat ebda oggezzjoni sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bl-istess procedura minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2002;

Semghet ix-xhieda ta' karattru mressaq mill-imputata li spjega f'liema cirkostanzi kienet tinsab l-imputata meta ghazlet li taghmel dak li qed twiegeb ghalih f'dawn l-akkuzi;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja;

Wara li rat l-artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-eta` zghira ta' l-imputata kif ukoll ic-cirkostanzi li fih kienet tinsab l-imputata fil-hin tal-kommissjoni tar-rejat, tqis illi piena karcerarja mhix adattata ghal-dan il-kaz u ghalhekk tilliberaha taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur